PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9911 — Voith/PCSH/TSA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 362/05)

1. Fis-16 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Voith Austria GmbH ("Voith", l-Awstrija), Teil der Voith GmbH & Co. KGaA ("Voith-Gruppe", il-Ġermanja).

— PCS Holding AG ("PCSH", l-Isvizzera).

— Traktionssysteme Austria GmbH ("TSA", l-Awstrija).

Voith u PCSH jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' TSA kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Il-grupp Voith huwa attiv fl-oqsma li ġejjin: manifattura u bejgħ ta' magni li jagħmlu l-karta, stallazzjonijiet li jipproduċu enerġija idroelettrika, teknoloġija tat-trażmissjoni u tal-kontroll għal vetturi kummerċjali u karozzi tal-linja, makkinarju agrikolu u tal-kostruzzjoni, materjal fuq ir-roti, applikazzjonijiet għat-tbaħħir u industrijali inkluż għal diversi setturi tal-industrija bħall-industrija tal-kimiċi u l-industrija petrokimika, l-industrija taż-żejt u tal-gass u l-industrija tal-minjieri u l-azzar. The grupp Voith huwa wkoll attive fis-setturi tal-awotmazzjoni u l-IT għall-inġinerija mekkanika u tal-impjanti.

— PCSH, permezz tal-kumpanija li fihom għandha l-ishma, hija attiva fil-materjali bir-roti u f'vetturi bi skop speċjali għall-muniċipalitajiet u l-agrikoltura.

— TSA timmanifattura, b'mod partikolari, mutur ta' propulsjoni elettrika u ġeneraturi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9911 — Voith/PCSH/TSA

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË